MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 418/2007

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Andy (Andre) Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-14 t’Ottubru, 2007 ghall-habta tat-8.10 hrs, f’Rue D’Argens, Gzira, waqt li kien qed isuq vettura numru DBM 654 fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b’sinjali ta’ dawl tat-traffiku ta’ vetturi,

1. naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;
2. saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Novembru, 2007, li biha, wara li rat ir-regolament 125 tal-A.L. 129/1994 u l-

artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu LM25 ghall-ewwel akkuza w LM75 ghat-tieni akkuza u, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, thassar u tirrevoka ghal kollox is-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat Illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-
1. Illi fl-ewwel lok jinghad li ma hux minnu li l-appellant hareg fuq il-lights homor jew amber u dana in vista tal-fatt li dak inhar in kwistjoni l-istess sinjali tat-traffiku ma kienux qed jiffunzjonaw kif fil-fatt ghandu jirrizulta kemm mix-xhieda tal-istess appellant u kif ukoll tramite r-ritratt minnu esebit;
2. Illi fit-tieni lok ghandu jirrizulta li ma hux minnu li huwa saq b’manjiera perikoluza w dana peress illi fl-ewwel lok ma hux minnu li f’xi mument kien ser jahbat mal-mutur tal-Pulizija w fit-tieni lok jinghad li l-manuvra li ghamel il-Pulizija bil-mutur tieghu ma saritx biex jevita l-incident izda sabiex jaghmel “U Turn” fi triq principali halli jdur lura w jsegwi lill-appellant;
3. Illi fl-ahharnett jinghad fir-rigward tal-ordni ta’ skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tliet xhur illi x-xoghol u d-dhul tal-appellant jiddependi nterament fuq is-sewqan peress illi huwa jahdem bhala *technician* ta’ *lift installer* mas-socjeta’ Titan Ltd u ghalhekk ikollu bzonn il-vettura sabiex isuq minn post ghall-iehor xi drabi fuq emergenzi fl-imkien mal-ghodda tax-xoghol tieghu. Illi ghalhekk il-licenzja tas-sewqan hija mezz indispensabbli ghax-xoghol tieghu.

Semghet ix-xiehda tal-appellant l-udjenza tal-lum u qieset l-affidavit tax-xhud tal-prosekuzzjoni PC 587 Joseph Mallia li jinsab inserit fil-process;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz hemm zewg versjonijiet konfliggenti . Fil-waqt li PC Mallia jghid li l-appellant hareg fuq ue d' Argens , minn Sliema Road, Gzira, meta kellu d-dawl ahmar tat-traffic light jixghel go Sliema Road, ghax hu kellu d-dawl ahdar fuq Rue d' Argens, l-appellant jghid li t-traffic light go Sliema Road , minn fejn kien hiereg hu , ma kienx qed jiffunzjona w kien qed ipetpet fuq il-kulur amber il-hin kollu.

Illi mill-affidavit ta’ PC 587 Joseph Mallia b’ebda mod ma hu eskluz illi d-dawl li kien hemm go Sliema Road, Gzira ma kienx fil-fatt qed ippetpet fuq l-amber kif jallega, xehed u ikkonferma bil-gurament l-appellant u dana ghaliex minn fejn kien qed jipprocedi PC Mallia zgur li ma setax jara dan id-dawl li kien hemm go Sliema Road. Anki jekk PC Mallia ipproceda fuq id-dawl ahdar, dan ma jeskludix malfunzjonament fid-dawl l-iehor li kien hemm wara l-kantuniera minn fejn hareg l-appellant. Illi l-verzjoni tal-appellant tista’ tigi accettata almenu fuq bazi ta’ probabbilta’. Din hija imsahha mill-fatt li dak il-hin stess l-appellant mar id-dar tieghu, gab camera tar-ritratti w gibed ritratt tat-traffic light in kwistjoni juri d-dawl kulur amber. Issa ghalkemm dar-ritratt fih innifsu mhux prova konklussiva ghax biex jigi pruvat li d-dawl kien qed ipetpet fuq l-amber jkun irid jittiehed video u mhux ritratt *"still"*, l-atteggjament tal-appellant hu sintomatiku ta' persuna li tant kienet certa li d-dawl ma kienx qed jiffunzjona li sahansitra hasset il-htiega li tmur id-dar u ggib il-camera biex tigbidlu ritratt, fatt li normalment ma kienx jaghmel kieku kien jaf li d-dawl kien qed jiffunzjona sew.

Jidher ghalhekk li l-akkuzi kontra l-appellant ma jirrizultawx pruvati sal-grad tac-certezza morali rikjest mill-ligi w konsegwentement din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u

tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------